**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta' Ġunju 2023**

Rikors Numru: 237/23 AL

AB

vs

CB

(M.R. Numru 1802/1984)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar id-29 ta' Settembru 1984 ġewwa Malta u l-istess żwieġ ġie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 1802/1984 (ċertifikat anness u mmarkat 'Dok A');

2. Illi mill-istess żwieġ twieldu żewġt itfal DB li twieled fil-25 ta' Settembru 1985 (ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat 'Dok B')

u EB li twieled fid-19 t’ Ottubru 1990 (ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat 'Dok C');

3. Illi l-partijiet infirdu minn xulxin b'kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Dr. Nicolette Vella fil-15 ta' Jannar tas-sena 2002 (kuntratt anness u mmarkat 'Dok D') wara li ġew debitament awtorizzati.

4. Illi ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni bejniethom;

5. Illi l-partijiet ma għexux flimkien sa mis-sena 2002 u ma hemm ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet maħlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi:

2. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiż-żmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jiġi registrat

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta’ Mejju 2023;

Rat illi l-intimata debitament notifikata prezenti fl-awla wieġbet fuq domanda tal-Qorti li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-15 ta' Jannar 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.